

- 2) Fi kwalunkwe każ, dispożizzjoni nazzjonali bħall-Artikolu 33(3a) tad-Digriet Leġiżlattiv tat 12 ta' April 2006, Nru 163/2006, li, moqri flimkien mal-Artikolu 3(25) tad-Digriet Leġiżlattiv tat 12 ta' April 2006, Nru 163/2006, fir-rigward tal-mudell organizzattiv tal-konsorzji tal-muniċipalitajiet, jeskludi l-possibbiltà li jiġu kkostitwiti persuni rregolati mid-dritt privat, bħal konsorzju rregolat mid-dritt komuni li fih jistgħu jiffurmaw parti persuni rregolati mid-dritt privat, tmur kontra d-dritt Komunitarju u, b'mod partikolari, tmur kontra l-prinċipji ta' moviment liberu tas-servizzi u tal-iktar ftuħ possibbli tal-kompetizzjoni fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi għal servizzi?
- 3) Dispożizzjoni nazzjonali bħall-Artikolu 33(3a) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 163/2006 li, jekk jiġi interpretat fis-sens li jippermetti lill-konsorzji tal-muniċipalitajiet li huma korpi ċentrali ta' xiri joperaw f'territorju li jikkorrispondi għal dak tal-muniċipalitajiet li huma membri ta' dan il-konsorzju, ikkunsidrat globalment u, għaldaqstant, f'territorju limitat għat-territorju tal-provinċja, jillimita l-kamp ta' azzjoni ta' dawn il-korpi ċentrali ta' xiri, tmur kontra d-dritt Komunitarju u, b'mod partikolari, tmur kontra l-prinċipji ta' -moviment liberu tas-servizzi u tal-iktar ftuħ possibbli tal-kompetizzjoni fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi għal servizzi?

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italja) fis-7 ta' Jannar 2019 — Azienda ULSS  
n. 6 Euganea vs Pia Opera Croce Verde Padova**

(Kawża C-11/19)

(2019/C 164/08)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Consiglio di Stato

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Azienda ULSS n. 6 Euganea

*Konvenuta:* Pia Opera Croce Verde Padova

**Domandi preliminari**

- 1) Fil-każ fejn iż-żewġ partijiet ikkonċernati jkunu organi pubbliċi, il-premessa 28, l-Artikolu 10 u l-Artikolu 12(4) tad-Direttiva 2014/24/UE <sup>(1)</sup>, jipperkludu l-applikazzjoni tal-Artikolu 5 flimkien mal-Artikoli 1, 2, 3, u 4 tal-Liġi Reġjonali tal-Veneto Nru 26/2012, abbażi tas-sħubija pubblika-pubblika, prevista fl-Artikolu 12(4) tad-Direttiva 2014/24/UE u fl-Artikolu 5(6) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 50/2016 u fl-Artikolu 15 tal-Liġi Nru 241/1990?

- 2) Fil-każ fejn iż-żewġ partijiet ikkonċernati jkunu organi pubbliċi, il-premessa 28, l-Artikolu 10 u l-Artikolu 12(4) tad-Direttiva 2014/24/UE jipprekludu l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Liġi Reġjonali tal-Veneto Nru 26/2012, abbażi tas-sħubija pubblika-pubblika prevista fl-Artikolu 12(4) tad-Direttiva 2014/24/UE, u fl-Artikolu 5(6) tad-Digriet Leġislattiv Nru 50/2016 u fl-Artikolu 15 tal-Liġi Nru 241/1990, biss fis-sens li jobbligaw lill-awtorità kontraenti ttipprovdi r-raġunijiet għall-għażla li tagħti s-servizz ordinarju tat-trasport mediku permezz ta' sejħa għall-offerti, minflok ma tagħtih direttament permezz ta' ftehim?

(<sup>1</sup>) Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU 2014, L 94, p. 65 u rettifika fil-ĠU 2015 L 275, p. 68).

**Appell ippreżentat fl-10 ta' Jannar 2019 miċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea (SATCEN) mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Id-Disa' Awla Estiża) fil-25 ta' Ottubru 2018 fil-Kawża T-286/15, KF vs SatCen**

(Kawża C-14/19 P)

(2019/C 164/09)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

*Appellanti:* iċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea (SATCEN) (rappreżentant: A. Guillerme, avukat)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* KF, Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

L-appellant jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

- tannulla s-sentenza appellata;
- tikkundanna lir-rikorrenti fl-ewwel istanza għall-ispejjeż.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Insostenn tal-appell tiegħu, SATCEN jinwoka l-aggravji li jmiss:

- il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta qieset li kellha ġurisdizzjoni sabiex tagħti deċiżjoni dwar il-kapi ta' talbiet tar-rikorrenti f'dik il-kawża, peress li hija ma eżaminatx jekk il-kriterji li fuqhom hija bbażata l-ġurisdizzjoni tagħha kinux issodisfatti, minn naħa, u hija wettqet interpretazzjoni żbaljata tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, min-naħa l-oħra;